*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 43*

***5.30p.m 09 ta' Marzu 2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *43.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

43.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono u l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talbu li jiġu skużati.

## *43.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

41.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 41 u dawk tal-laqgħa urġenti numru 42. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

43.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal bħalissa reġa' beda' xogħol estensiv fuq il-bankini tat-toroq Marsin u attwalment qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq l-Iskola.

43.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-segretarji eżekkutivi tal-Kunsill Lokali madwar Malta u Għawdex laħqu ftehim kollettiv ġdid mall-Ministeru tal-Kultura u l-Gvern Lokali, u attwalment ser ikunu parti miċ-ċivil u mhux aktar taħt dak li kien jissejjaħ 'position of trust', mall-pożizzjoni ta' segretarju eżekuttiv ser ikun qed jiżdiedu xi allowances u anke arretrati ta' dawn is-sentejn li għaddew.

43.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li qiegħed f'disskusjoni m'Ambjent Malta għaliex fuq il-plakka tal-ftuħ tal-Ġnien Belveder il-Kunsill ma kienx ser ikun imsemmi. Madankollu, s-Sindku jinsab konvint li din il-kwistjoni ser tkun solvuta.

## *43.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

43.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li l-post li semma' l-aħħar darba fi Triq Santa rita tnaddaf u r-residenti apprezzaw ħafna x-xogħol li sar. Madankollu, jixtieq li l-ħadid li hemm jitneħħa u jiġi rtirat il-ġewwa jew jitneħħa għal kollox u issir filata oħra maċ-ċint. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irid jara x'inhuma l-possibilitajiet minħabba raġuni ta' sigurta u saħħa.

43.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li hemm bżonn jiżdied id-dawl fit-toroq u anke l-ġonna. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser jiżdied id-dawl fil-Ġnien 6 t'Awissu hekk kif dan kien

attwalment ta' 10 watts u issa sibna fanali li jagħtu 50 watts. Apparti hekk il-membri tal-Community Police għamlu 'Environmental Audit' fejn il-Kunsill mistenni jirċievi l-ammont ta' €10,000 f'kameras b'total ta' bejn €20,000 u €30,000 f'refurbishment fil-Ġnien 6 t'Awissu.

## *43.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 03/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *43.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

43.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' ħasbu biex itellgħu wirja fil-Gimgħa Mqaddsa fil-premises tagħhom. Għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel ir-reklam fuq il-poster biex jippromwovu din il-wirja bil-prezz ta' €300. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-votr favur kien unanimu.

43.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux lest jikkollabora mall-banda u flimkien intellhu l-kunċert Pie Jesu bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Marsa Belt Kulturali 2022 li l-ammont dovut mill-Kunsill huwa ta' €1,250 li hija nofs l-ispiża tal-Lkunċert. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

43.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l-dawk preżenti li b'referenza għad-diskussjoni rigward il-post fejn tista' ssir il-monument ta' Marija Reġina, l-Kumitat Festi Esterni tkellmu mall-Ministeru kkonċernat minħabba kwistjoni tat-tabella li hemm fil-post ipproponut. Din it-talba ġiet irrifjutata għalhekk il-kumitat qed jitlobb l-appoġġ tal-Kunsill biex jgħin f'din id-deċiżjoni minħabb li skond huma dan huwa l-aktar post addattat. Is-Sindku qal li huwa lest ikellem il-perit sabiex jiġġwida l-Kunsill fuq dak li jista' jsir u jħejji pjanti. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

43.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Pageant Group Marija Reġina nfurmaw lill-Kunsill li bħal kull sena jippublikaw ktieb bl-informazzjoni fuq il-pageant u l-wiorja artistika. Għalhekk qed jistaqsu lill-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam back page bil-kulur u li jidher fuiq social media għall-prezz ta' €300. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.7 Palju tal-Belt Kulturali – Tlielaq taż-Żwiemel*

43.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal  li t-tlielaq taż-żwiemel huwa sport li jagħmel parti mill-kultura tal-Marsa, u kien għalhekk li dejjem kellu xewqa li bħala parti mill-attivitajiet tal-Belt Kulturali 2022 ikun hemm palju. Filfatt, is-Sindku diġa' qiegħed f'kuntatt maċ-Chairman tat-tlielaq is-Sur Kenneth Vella sabiex ikunu nafu l-preparamenti hemm bżonn isiru l-quddiem. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu mistoqsijiet dwar dan il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.8 Update dwar l-attivitajiet Belt Kulturali 2022*

43.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawko preżenti li għada fil-5 ta' filgħaxija l-Kunsill ser ikun qed itella grupp ta' tfal tal-grupp Oħloq Tbissima biex jagħmlu platti tradizzjonali bil-melħ. Apparti hekk il-Kunsill ser ikun qed jaħdem biex fil-gimgħat li ġejjin issir wirja artistika fix-xahar t'April.

## *43.9 Ħruġ ta' Tender attivitajiet Belt Kulturali 2022*

43.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li peress li l-ispejjeż fuq l-attivitajiet tal-Belt Kulturali 2022 ser ikomplu jiżdiedu fix-xhur li ġejjin partikolarment għall-attivitajiet il-kbar ta' Settembru u ta' Diċembru hemm il-bżonn li jinħareġ tender biex il-Kunsill inaqqas il-proċeduri amministrattivi bil-ġbir ta' ħafna kwotazzjonijiet. Dan it-tender ma setgħax jinħareġ qabel saru l-attivitajiet ta' Jannar għaliex iż-żmien li fih il-Kunsill ingħata l-fondi u ġie kkonfermat ir-rebbieħ tal-iskema u ż-żmien ta' meta kellhom jibdew l-attivitajiet kien qasir wisq. Wara li ħadd ma kellu aktar mistoqsijiet dwar dan il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat, filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.10 Deċiżjoni dwar kwotazzjoni fuq il-Ħġieġ fis-sala*

43.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkuttiv jagħti rendikont tal-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill sabiex isir il-ħġieġ fl-aluminium frame fis-sala tal-Kunsill. Hawnhekk rajna li l-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet, l-ewwel waħda kienet ta' FloatGlass għall-prezz ta' €13,794.51, mill-kumpanija De Valier għall-prezz ta' €9,000 mingħajr VAT u finalment mill-kumpanija Mambo Ltd għall-prezz ta' €3,256.80. Peress li l-Kunsill huwa obbligat jagħżel l-aktar offerta vantaġġuza u li tilħaq il-kriterji mitluba, s-Sindku ppropona li jintgħażel Mambo Ltd għall-prezz ta' €3256.80 bil-VAT inkluż. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.11 Ħruġ ta' Tender fuq id-Day Care Centre għall-Anzjani*

43.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara li l-Kunsill ingħata l-fondi biex isir Day Care Centre għall-Anzjani, l-Kunsill beda' jaħdem biex isir tender ħalli jkun hemm akkontabilita' fil-proċess kollu tal-akkwist. B'hekk wara li jkun hemm il-qbil dwar dan, il-Kunsill ser ikun lest

jippublika dan it-tender Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.12 Ħruġ ta' tender fuq it-Tarmak*

43.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jiġi bżonn tender biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mall-patching tat-tarmac, għaliex filwaqt li l-Kunsill qiegħed joqgħod attent ferm biex qatt ma jinqabżu l-ammont ta' €5,000 għall-xogħol ta' darba, xorta waħda jrid li jkun hemm tender biex jagħmel tajjeb għal dan l-infieq. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.13 Ħruġ ta' tender fuq id-Dawl tat-Toroq*

43.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li t-tender dwar id-dawl fit-toroq tal-Marsa wasal biex jiskadi u b'hekk ser ikun qed joħroġ tender ġdid fil-gimgħat li ġejjin. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

43.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6.30pm u ġiet aġġornata għas-6 t'April fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv